MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2018

Rikors Maħluf Numru 1187/14 LM

**Joseph Brincat (K.I. Numru 8661M)**

***vs.***

**Automated Revenue Management Services Limited (C46054) u Veronica Brincat (K.I. Numru 222865M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-30 ta' Diċembru, 2014 mill-attur **Joseph Brincat** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

*Illi l-esponent kien proprjetarju flimkien mal-eks mara tiegħu l-konvenuta Veronica Brincat tal-fond bin-numru mitejn u erbgħa (204), qabel magħruf bħala 'Angel's Petshop', fi Triq id-Duluri, Pietà;*

*Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat wieħed u tletin (31) ta' Lulju, elfejn u sitta (2006), fl-atti tan-Nutar Ritianne Bugeja Fenech (Dok. 'A') l-esponent assenja u*

*ttrasferixxa s-sehem tiegħu f'dan il-ħanut lil martu b'titolu ta' diviżjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ġia eżistenti bejniethom;*

*Illi minkejja li s-soċjetà konvenuta ġiet debitament infurmata b'din l-assenjazzjoni, sal-lum l-arloġġi tad-dawl u tal-ilma tal-istess ħanut għadhom reġistrati f'isem l-esponent, li għadu jirċievi l-kontijiet għas-servizzi tad-dawl u l-ilma tal-istess fond sal-lum (Dok. 'B');*

*Illi l-esponenti ilu snin twal jinterpella s-soċjetà konvenuta kemm verbalment kemm bil-miktub (Ittri interpellatorji markati Dok. 'C' u 'D' u protest ġudizzjarju markat Dok. 'E'), sabiex taqleb ir-reġistrazzjoni tal-arloġġi tad-dawl u tal-ilma f'isem l-eks mara tiegħu Veronica Brincat wara li hi tat il-kunsens tagħha għall-assenjazzjoni favuriha tal-istess ħanut bl-att pubbliku hawn fuq imsemmi;*

*Illi minkejja dan, is-soċjetà konvenuta baqgħet tirrifjuta li tirreġistra l-bdil tal-konsumatur tal-imsemmi ħanut f'isem is-sid il-ġdid kif hawn fuq spjegat. Inoltre, minħabba l-kont li hemm pendenti fuq dawn l-arloġġi, is-soċjetà konvenuta qed tirrifjuta li tirreġistra f'isem l-esponent il-meter tad-dawl temporanju tan-negozju tiegħu bl-isem 'Masha';*

*Illi minħabba n-nuqqas u d-dewmien abbużiv da parti tas-soċjetà konvenuta biex tirreġistra l-bdil tal-konsumatur reġistrat kif hawn fuq spjegat, l-esponent bata u għadu qed ibati danni, inkluż spejjeż u telf ta' qligħ;*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(i) Tordna l-bdil tar-reġistrazzjoni tal-konsumatur tal-ħanut numru mitejn u erbgħa (204) fi Triq id-Duluri, Pietà, f'isem is-sid il-ġdid tal-istess ħanut, u konsegwentement tittrasferixxi kwalsiasi kont li hemm pendenti fuq l-arloġġi relattivi f'isem l-istess sid ġdid;*

*(ii) Tiddikjara s-soċjetà konvenuta responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-esponent, inkluż telf ta' qligħ u spejjeż żejda inkorsi b'riżultat tar-rifjut li jiġi reġistrat f'isem l-esponent il-meter temporanju tal-kiosk bl-isem 'Masha' u b'riżultat ukoll tar-rifjut li l-meter tal-imsemmi ħanut 204, Triq id-Duluri, Pietà, jinqaleb f'isem is-sid il-ġdid, kif ser jiġi spjegat aħjar fil-kors ta' din il-kawża;*

*(iii) Tillikwida d-danni kollha hekk sofferti, okkorrendo permezz ta' perit nominand;*

*(iv) Tordna li s-soċjetà konvenuta tħallas lill-esponent is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Automated Revenue Management Services Limited (C46054)** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta" jew "ARMS Limited"), li ġiet ippreżentata fis-26 ta' Jannar, 2015, u maħlufa minn **Reuben Bonnici**, (K.I. Numru 448471M), in rappreżentanza tal-istess, li biha eċċepiet:

1. *Illi preliminarjament, is-soċjetà intimata teċċepixxi n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tisma' u tiddeċiedi l-kawża odjerna u dan ai termini tal-paragrafu 1.3, taqsima A tar-raba' skeda tal-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhumiex ibbażati fuq xi jedd mogħti lilu mil-liġi u s-soċjetà intimata ma għandha ebda obbligu fil-liġi li tvarja, jekk mhux saħansitra tippreġudika, il-pożizzjoni tagħha fil-konfront ta' debituri tagħha sempliċiment għaliex ir-rikorrent ftiehem ma' terzi dwar trasferiment ta' sehmu minn proprjetà immobbli;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu jirrigwarda l-meter temporanju tal-kiosk bl-isem 'Masha', it-tieni talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma hija sostnuta b'ebda dikjarazzjoni ta' xi nuqqas da parti tas-soċjetà eċċipjenti u għaldaqstant, it-talba għal-likwidazzjoni ta' allegati danni ma għandha l-ebda bażi la fil-fatt u lanqas fid-dritt;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li jmorru manifestement kontra dak li l-liġi, senjalatament il-leġislazzjoni sussidjarja 423.01;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jinkombi fuq ir-rikorrent sabiex iressaq prova tal-allegati danni u fi kwalunkwe każ dawn huma ikkontestati;*

6. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Veronica Brincat**, minn issa 'l quddiem "il-konvenuta", li ġiet ippreżentata fit-30 ta' Novembru, 2015 u maħlufa minnha stess, li biha eċċepiet:

*Illi fil-qosor il-fatti mertu tal-kawża odjerna, kienu s-segwenti:*

1. *Illi l-esponenti flimkien mal-attur li kien żewġha, kienet proprjetarja tal-fond bin-numru mitejn u erbgħa (204), qabel magħruf bħala 'Angel's Petshop', Triq id-Duluri, Pieta';*
2. *Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat wieħed u tletin (31) ta' Lulju, tas-sena elfejn u sitta (2006), fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Ritienne Bugeja, il-fond riferit ġie assenjat u ttrasferit b'titolu ta' diviżjoni u likwidazzjoni favur l-esponenti;*
3. *Illi meta sar dan it-trasferiment, l-esponenti ħeġġet bil-qawwa kollha lill-attur sabiex jirrikorri magħha għand l-intimat Automated Revenue Management Services Limited u dan sabiex tinqaleb ir-reġistrazzjoni tal-arloġġ tad-dawl u tal-ilma f'isem l-esponenti, iżda nonostanti dawn l-insistenzi da parti tagħha, l-attur naqas milli jadempja ruħu ma' dak rikjest minnha;*
4. *Illi tramite il-kuntratt ta' bejgħ datat erbatax (14) ta' Lulju, tas-sena elfejn u tmienja (2008), fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Naomi Micallef Mugliette, il-fond mertu ta' din il-kawża, ġie trasferit f'isem il-Kumpanija Kummerċjali 'Bryan Tyre Services Limited' (Numru ta' reġistrazzjoni C 12015), kopja ta' liema kuntratt qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A';*
5. *Illi ai termini tal-istess kuntratt, l-esponenti ħallset kwalunkwe kont li kien hemm pendenti fuq l-arloġġ tad-dawl u tal-ilma u konsegwentement hija mhix responsabbli ta' kwalunkwe pendenzi mal-intimat Automated Revenue Management Services Limited;*
6. *Illi nonostanti l-fatt li r-reġistrazzjoni tal-arloġġi tad-dawl u tal-ilma ma kienet qatt f'isimha u għalhekk ma kellha qatt ir-responsabbilità ta' tali arloġġi, l-esponenti xorta waħda reġgħet għamlet kuntatt mal-attur u dan sabiex flimkien mas-sid il-ġdid tal-fond mertu ta' din il-kawża, jirrikorri għand l-intimat Automated Revenue Management Services Limited, u dan sabiex l-arloġġi in kwistjoni jiġu rreġistrati fuq is-sid il-ġdid, iżda l-attur għal darba oħra reġa' injora l-insistenza tal-esponenti u baqa' inadempjenti.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, l-esponenti teċċepixxi:*

1. *Illi in linea preliminari, l-esponenti mhix il-leġittima kontradittriċi stante l-fatt li fir-rikors promutur ma ntalbet ebda azzjoni da parti tal-esponenti;*
2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante l-fatt li l-arloġġi mertu ta' din il-kawża ma kienu qatt irreġistrati f'isimha u li hija ma għandha ebda*

*setgħa sabiex tieħu kwalunkwe azzjoni sabiex dawn l-arloġġi jiġu rreġistrati f'isem is-sid il-ġdid;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur għandu jipprova d-danni minnu allegati;*
4. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur inġunt in subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mid-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' April, 2018, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-kawża odjerna nfetħet mill-attur wara li hu ttrasferixxa sehmu mill-fond bin-numru 204, bl-isem 'Angel's Petshop', li jinsab fi Triq id-Duluri, il-Pietà, lill-mara tiegħu, il-konvenuta Veronica Brincat, in segwitu għal kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, fejn il-fond ġie ttrasferit lill-mara, iżda għal xi raġuni, il-*meters* tad-dawl u l-ilma fil-fond baqgħu rreġistrati fuq ir-

raġel. L-attur jilmenta mill-fatt li minkejja li hu mar fl-uffiċini tal-Automated Revenue Services Management Limited (ARMS) diversi drabi, sabiex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu fil-konfront ta' dawn il-*meters* tad-dawl u l-ilma, ħalli dawn ikunu jistgħu jiġu rreġistrati f'isem il-persuna li attwalment hi s-sid tal-fond, hu baqa' qatt ma ħa risposta għat-talbiet tiegħu, u s-soċjetà konvenuta baqgħet ma ħaditx passi sabiex il-*meters* inkwistjoni jiġu ttrasferiti f'isem il-konvenuta l-oħra jew f'isem it-terz li akkwista l-proprjetà, bir-riżultat li l-attur ilu snin jirċievi kontijiet tad-dawl u l-ilma għal dan il-fond, bil-pendenzi dovuti jiżdiedu perjodikament minn kont għal ieħor. Konsegwenza oħra ta' dan l-istat ta' fatt hi li l-attur ma jistax japplika biex ikollu imqar *meter* temporanju għall-kiosk tiegħu minħabba fil-pendenzi li hemm ma' ARMS Limited. L-ilment tal-attur u l-allegazzjoni li hu qiegħed isofri danni huma msejsa fuq il-fatt li hu għandu negozju ta' kiosk li jintrama fil-festi, u sabiex ikun jista' jaħdem minn dan il-kiosk, l-attur spjega li jkollu bżonn japplika għal *meter* temporanju, iżda kull darba li jagħmel tali applikazzjoni u jmur biha fl-uffiċini tas-soċjetà konvenuta, dawn jirrifjutaw li joħorġulu tali *meter* temporanju minħabba fil-pendenzi li hemm fuq il-fond f'Tal-Pietà, minħabba li l-kontijiet li jinħarġu fuq il-*meter* li hemm irreġistrat f'dan il-fond, baqgħu joħorġu fuq ismu. L-attur jilmenta li dan kollu qiegħed jikkawżalu danni, mhux lanqas minħabba li jrid jinqeda b'terzi biex ikun jista' jikseb is-servizz ta' *meter* temporanju sabiex jopera n-negozju tiegħu, u minħabba li anki kellu jinvesti *f'generator* sabiex ikollu s-serħan il-moħħ li f'każ li s-soċjetà konvenuta ma tagħtihx is-servizz permezz ta' *meter* temporanju, ikun jista' jaħdem xorta waħda.

Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha argumentat li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni *rationae materiae* sabiex tisma' din il-kawża, però din il-kwistjoni ġiet sorvolata permezz ta' sentenza *in parte*. Is-soċjetà konvenuta laqgħet għat-talbiet tal-attur billi qalet li dawn mhumiex imsejsa fuq xi jedd li tagħtih il-liġi, u li bħala kumpannija li qiegħda toffri servizz, hi m'għandha l-ebda obbligu tvarja jew tippreġudika l-pożizzjoni tagħha fil-konfront tad-debituri tagħha, sempliċiment minħabba li l-attur iddeċieda li jittrasferixxi sehmu mill-proprjetà inkwistjoni favur terzi. Is-soċjetà konvenuta wieġbet ukoll li l-attur ma sofra u mhu qiegħed isofri l-ebda danni.

Il-konvenuta Veronica Brincat min-naħa tagħha wieġbet li hi mhix leġittima kontradittriċi f'din il-kwistjoni u dan minħabba li l-*meter* inkwistjoni qatt ma kien fuq isimha. Ir-risposta li tat il-konvenuta li ġiet ikkonfermata wkoll waqt ix-xhieda tagħha, hi fis-sens li hi qatt ma kienet f'pożizzjoni li tagħmel xejn dwar ir-reġistrazzjoni tal-*meters* inkwistjoni stante li dawn qatt ma kienu f'isimha, u li kuntrarjament għal dak allegat mill-attur, kien hemm diversi istanzi fejn hi talbet lil żewġha sabiex imur magħha fl-uffiċini tal-ARMS Limited biex il-*meters* ikunu jistgħu jiġu ttrasferiti f'isimha, iżda dan qatt ma kien irid imur magħha. Il-konvenuta wieġbet ukoll li m'hemm l-ebda prova tad-dannu allegatament soffert minn żewġha, l-attur.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Il-Qorti kkunsidrat li hemm għadd ta' dokumenti li ġew esebiti flimkien mar-rikors promutur, fosthom il-kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn l-

attur u l-konvenuta bid-data tal-31 ta' Lulju, 2006, fl-atti tan-Nutar Ritianne Bugeja Fenech[1], fejn sar l-assenjament tal-fond bin-numru 204, bl-isem 'Angel's Petshop', Triq id-Duluri, Pietà, lill-mara, il-konvenuta Veronica Brincat.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll għadd ta' ittri mibgħuta f'isem l-attur lil ARMS Limited b'riferiment għall-kontijiet li l-attur kien qiegħed jirċievi kull tant żmien fir-rigward tal-fond bin-numru 204, Triq id-Duluri, Pietà, li ma kienx għadu fil-pussess tiegħu. Ittra li tinsab *a fol.* 14 tal-proċess, bid-data tat-23 ta' Settembru, 2011, tirreferi għal ittra preċedenti mibgħuta fit-28 ta' Mejju, 2010 f'isem l-attur Joseph Brincat, li permezz tagħha ARMS Limited kienet ġiet infurmati li l-attur ma kienx għadu fil-pussess tal-imsemmi fond, u li ARMS Limited setgħet taqta' s-servizz f'dak il-fond stante li l-mittent (Joseph Brincat, l-attur) la kellu pussess ta' dan il-fond, u lanqas interess fih. F'dik l-ittra, l-avukat tal-attur kien spjega lil ARMS Limited b'mod ċar li mhux biss l-klijent tiegħu, l-attur, baqa' jirċievi l-kontijiet perjodikament għal dan il-fond li ma kienx għadu fil-pussess tiegħu, talli konsegwenza ta' dawn il-pendenzi dovuti lil ARMS Limited, hu ma setax japplika biex ikollu servizz tad-dawl u l-ilma f'ismu fi mkejjen oħra.

Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni ta' ARMS Limited fir-rigward tal-kompetenza ta' din il-Qorti li tisma' u tiddeċiedi dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dawl u l-ilma, u dan fid-dawl tad-dispost tal-artikolu 1.3 tal-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi li tali tilwimiet għandhom jiġu determinati b'arbitraġġ mandatorju. Din il-Qorti, madankollu

[1] *A fol.* 4.

ppronunzjat ruħha dwar il-kompetenza tagħha b'deċiżjoni mogħtija minnha fit-8 ta' April, 2016, fejn iddeċidiet li hi għandha kompetenza li tipproċedi bis-smigħ tal-kawża odjerna.[2] Id-deċiżjoni ta' din il-Qorti kienet imsejsa fuq għadd ta' kunsiderazzjonijiet, ewlenija fosthom,

> "Dak li jissuffraga lill-attur mill-kawża **Ray Zammit noe *vs.* Keith Azzopardi et** hi dik il-parti tas-sentenza fejn din il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament ippreseduta (fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha) fil-kawża fl-ismijiet **H. Vassallo & Sons Limited (C3847) *vs.* Avukat Ġenerali, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-Korporazzjoni Enemalta għal kull interess li jista' jkollhom,** li ddikjarat illi l-arbitraġġ mandatorju bħala effett tal-Artikoli 1.3 tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitraġġ fid-dawl tal-Artikolu 15(11) tal-istess Att, huwa leżiv għal smigħ xieraq kif protett kemm fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319).
>
> Għalhekk din il-Qorti tibqa' kompetenti li tisma' din il-kawża minkejja d-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-arbitraġġ fuq imsemmija."

Hekk stabbilit li din il-Qorti għandha l-kompetenza li tkompli tisma' din il-kawża, il-Qorti għaddiet biex tisma' x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Fl-udjenza tad-9 ta' Mejju, 2016, xehed l-attur **Joseph Brincat**[3], li kkonferma li hu u martu, il-konvenuta, kienu sseparaw b'kuntratt tal-2006, u li konsegwenza ta' dik is-separazzjoni ġie deċiż li l-*pet shop* li kellhom il-partijiet, fl-indirizz 204, Triq id-Duluri, il-Pietà, kellu jiġi assenjat lill-mara. L-attur qal li hu talab diversi drabi lill-mara tiegħu (il-konvenuta) sabiex tmur miegħu fl-uffiċċji ta' ARMS Limited biex ikun jista' jsir it-trasferiment tal-*meter*, iżda hi baqgħet tirrifjuta li tmur. L-attur allega li minkejja li bagħat diversi ittri lil ARMS Limited dwar is-sitwazzjoni tiegħu tramite l-avukat tiegħu, dawn

[2] Kopja sħiħa tas-sentenza *a fol.* 50.
[3] *A fol.* 57 sa 60.

baqgħu mhux imwieġba min-naħa tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud ikkonferma li sa dakinhar li hu deher quddiem il-Qorti sabiex jixhed, il-*meter* kien għadu fuq ismu, u li konsegwenza ta' dan, hu qiegħed jiltaqa' ma' diffikultajiet kull darba li japplika biex ikollu *meter* temporanju f'ismu meta jarma kiosk fil-festi, minkejja li dan hu n-negozju ewlieni ġestit minnu.

Mistoqsi in kontroeżami, l-attur wieġeb li hemm kont pendenti fir-rigward tal-fond 204, Triq id-Duluri, Pietà. Hu kkonferma li l-formola ta' trasferiment biex il-kont jinqaleb minn fuq ismu għal fuq isem ħaddieħor baqgħet ma mtlietx, u dan minħabba li l-mara tiegħu (il-konvenuta) qatt ma riedet tmur miegħu fl-uffiċċji tal-ARMS Limited. L-attur xehed li kull darba li kien imur fl-uffiċċji ta' ARMS Limited sabiex ikellem lil xi ħadd mill-uffiċjali tas-soċjetà konvenuta, dawn kienu jgħidulu li min-naħa tagħhom ma setgħu jagħmlu xejn jekk il-formula ta' trasferiment ma timteliex ukoll mill-konvenuta Veronica Brincat. Joseph Brincat xehed li minkejja li talab lill-konvenuta tmur miegħu fl-uffiċċji ta' ARMS Limited sabiex jirregolarizzaw ruħhom, din baqgħet tirrifjuta li tmur, u konsegwenza ta' dan il-formuli ta' trasferiment relattivi baqgħu ma mtlewx.

Fl-udjenza tad-9 ta' Mejju, 2016, xehed **Reuben Bonnici**[4], rappreżentant tas-soċjetà konvenuta ARMS Limited, li spjega li sabiex ikun hemm trasferiment ta' *meter* minn fuq persuna għal oħra, trid timtela formula bejn il-partijiet, u dan wara li titħallas kull pendenza li jkun hemm ma' ARMS Limited sa dakinhar. Hu qal li tali applikazzjoni trid tkun akkumpanjata minn prova, bħalma hu kuntratt li jindika li kien hemm assenjazzjoni jew trasferiment tal-fond fejn ikun hemm il-*meters*. Ix-xhud ikkonferma li f'każ li jkun hemm firma nieqsa ta' xi waħda mill-partijiet, it-trasferiment mitlub ma jsirx min-naħa tal-

[4] *A fol.* 61 sa 64.

ARMS, madanakollu kkonferma li kull każ jiġi kkunsidrat għalih mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud ikkonferma li,

> "Kull każ hu differenti minn ieħor però għandna Form F li timtela, kopja tal-kuntratt jekk hux kera, bejgħ, separazzjoni, kopja tal-ID cards, sa dak il-qari li jiffirmaw iż-żewġ partijiet fuq wara tal-formola joħroġ kont, jitħallas u jinqaleb għal fuq il-persuna li tkun dieħla fil-post il-ġdid."

**Reuben Bonnici** reġa' ttella' jixhed fl-udjenza tat-22 ta' Ġunju, 2016[5], u min-naħa tiegħu, wara l-verifiki li ntalab jagħmel, ikkonferma li s-soċjetà ARMS Limited kienet irċeviet kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet, flimkien ma' talba għal appuntament mal-*meter reader*, sabiex jinħarġu l-istimi tal-kontijiet, madanakollu x-xhud ikkonferma li fil-file relattiv ma sabx ir-raġuni li għaliha ntalab dan l-appuntament. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-formula tat-trasferiment ma kinitx imtliet mill-partijiet kif mitlub.

Ir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta ARMS Limited, **Reuben Bonnici,** reġa' xehed fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru, 2016, fejn ippreżenta kopji tal-korrispondenza kollha mibgħuta mill-attur għas-snin 2006 sal-preżent. Ix-xhud ikkonferma li l-attur kien applika diversi drabi sabiex jingħata *meter* temporanju fil-kiosk li kien jarma fil-festi, u li dawn l-applikazzjonijiet ġew ipproċessati, tant li l-attur kull darba ngħata s-servizz tad-dawl u l-ilma fil-kiosk li kien jiġġestixxi.

Il-Qorti kkunsidrat il-korrispondenza li ġiet ippreżentata fl-atti ta' din il-kawża fosthom ittra tal-24 ta' Ġunju, 2010 mibgħuta minn Stefania Catania, uffiċjal ta' dik li kienet l-Enemalta, fejn din infurmat lill-attur li sa dakinhar kellu

[5] *A fol.* 65 *et seq*.

pendenzi ta' seba' mija u wieħed u disgħin Euro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€791.79) f'arretrati tad-dawl u l-ilma fuq il-post fi Triq id-Duluri, tal-Pietà, u li l-Korporazzjoni Enemalta kienet ġiet infurmata biex tissospendi l-provvista tal-elettriku fil-post residenzjali tal-attur.

L-attur irrisponda għal din l-ittra permezz tal-avukat tiegħu, b'ittra mibgħuta fit-28 ta' Mejju, 2010[6], fejn dan informa lill-Korporazzjoni Enemalta li,

> "Il-klijent tiegħi m'għandux x'jaqsam mal-fond 204, Triq id-Duluri, Pietà u l-ammont mitlub minnkom mhuwiex dovut minnu. Nissuġġerilek li jekk ma jitħallasx il-kont minn min hemm fil-post, taqtgħu s-servizz ta' dak il-post. Il-klijent tiegħi jirriserva li jieħu passi personali kontra min jabbuża mill-pożizzjoni ta' monopolju biex jipprova jġiegħlu jħallas dak li mhux dovut minnu, jew li jaqta' s-servizz tad-dawl fejn dan qiegħed jitħallas regolarment."

Ittra oħra mibgħuta lil ARMS Limited fit-23 ta' Settembru, 2011 f'isem l-attur, tgħid hekk,

> "Il-klijent tiegħi kien neħħa l-post fl-2006 billi għadda fuq martu meta dawn isseparaw. Dak in-nhar kien ġabilkom il-formola tat-transfer mimlija fl-uffiċċju li kien hemm f'Bieb il-Belt. Fit-28 ta' Mejju, 2010 jiena kont ktibtlek li l-klijent tiegħi ma kellu x'jaqsam xejn mal-fond 204, Triq id-Duluri, Pietà, u biex jekk il-kont ma jitħallasx stajtu taqtgħu s-servizz ta' dak il-post. Riċentement is-Sur Brincat sar jaf li mhux talli ma qtajtux is-servizz talli l-ammont żdied sostanzjalment. Minn fuq issa qed titolbu l-ħlas mingħand is-Sur Brincat u tirrifjutaw li tagħtuh is-servizz band'oħra."

L-attur **Joseph Brincat**[7], xehed fl-udjenza tal-11 ta' Novembru, 2016, u dan min-naħa tiegħu spjega li l-ewwel darba li hu mar japplika għal *meter* temporanju fuq ismu, wara l-kuntratt ta' separazzjoni minn ma' martu, l-Enemalta (il-predeċessur tas-soċjetà konvenuta ARMS Limited), ma riditx

[6] *A fol.* 87.
[7] *A fol.* 121 *et seq.*

toħroġlu l-permess għal *meter* temporanju u konsegwenza ta' dan hu kellu japplika għall-*meter* li kellu bżonn biex jaħdem mill-kiosk f'isem terz. Ix-xhud ikkonferma li kien hemm drabi fejn hu applika għal *meter* temporanju f'isem sid il-kiosk (it-terz imsemmi), u drabi oħra applika f'isem il-*partner* tiegħu, Maria, sabiex jevita li l-applikazzjoni tiegħu tiġi rifjutata minħabba fil-pendenzi li hemm irreġistrati fuq il-*meter* fil-fond 204, Triq id-Duluri, tal-Pietà. Hu xehed li sussegwentement kien investa f'*generator* sabiex jevita li jkun hemm intoppi ġodda kull darba li jmur biex japplika għall-permess tal-gabbana jew tad-dawl u l-ilma. Ix-xhud ikkonferma li xogħlu hu li jarma l-kiosk fil-festi li jkun hemm madwar il-pajjiż, u li f'ċertu lokalitajiet hu ma jitħalliex jarma *generator.* Hu qal li l-*generator* swieh tliet elef u sitt mitt Euro biex xtrah (€3,600), u li biex iħaddmu għandu bżonn jonfoq tletin Euro (€30) petrol kuljum. Qal li biex jaħdem hu jrid li jew l-applikazzjoni għall-*meter* tad-dawl ma tkunx fuq ismu, inkella jrid jaħdem bil-*generator.* Madanakollu, l-attur xehed li hu dejjem, b'xi mod jew ieħor, jiġifieri jew b'applikazzjoni għal *meter* fuq terzi, jew permezz ta' *generator*, irnexxielu jaħdem.

Il-konvenuta **Veronica Brincat**[8] xehdet fl-udjenza tas-16 ta' Jannar, 2017, fejn qalet li l-ftehim bejn il-partijiet kien li hi tħallas għoxrin elf Lira Maltin (LM20,000) lill-attur, sabiex hi setgħet tieħu l-ħanut mertu tal-kawża odjerna. Madanakollu, u minkejja li d-dejn kollu li kellhom il-partijiet fiż-żwieġ kien tħallas, il-konvenuta xehdet li meta marret biex tiftaħ il-ħanut wara li hi u l-attur kienu ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni bejniethom u nfirdu, mill-ewwel beda l-inkwiet minħabba li hekk kif ippruvat tiftaħ, indunat li ċ-ċavetta tal-ħanut li kien taha l-attur ma kinitx iċ-ċavetta t-tajba. Il-konvenuta xehdet

[8] *A fol.* 146 *et seq.*

kif meta daħlet ġewwa, hi sabet kollox imkisser, u skont il-konvenuta, lanqas dawl ma kien hemm fil-fond, minħabba li kien inqata' min-naħa tal-Korporazzjoni Enemalta. Kien proprju f'dan il-punt li l-konvenuta avviċinat lill-attur, sabiex flimkien imorru l-Enemalta u jitolbu li l-*meter* tad-dawl ikun jista' jiġi ttrasferit f'isimha, iżda l-attur ma riedx jaf. Il-konvenuta qalet li hi rnexxielha tipperswadi lill-uffiċjali tal-Enemalta biex ituha l-provvista tad-dawl minħabba li ma kienx hemm arretrati ta' kontijiet pendenti fuq il-post f'dak iż-żmien.

Il-konvenuta kkonfermat li ftit ġimgħat biss wara li l-ħanut ġie ttrasferit f'isimha, hi kienet biegħet il-ħanut lil terz, u li dan it-terz ukoll kien ittenta jikkomunika mal-attur sabiex il-*meters* jiġu ttrasferiti f'ismu, iżda dan kien kollu għalxejn.

L-attur in sostenn tat-talba tiegħu għall-ħlas ta' danni materjali li sofra minħabba f'dan kollu ppreżenta manwal tal-utent fir-rigward tal-*generator* tal-marka Honda EU65is, kif ukoll kopja tal-ispeċifikazzjonijiet tal-istess *generator,* li jidher li ġiet stampata minn xi *website* barranija, tant li l-prezz hu indikat bid-dollari.[9] Madanakollu, il-Qorti tirrimarka li dawn id-dokumenti ma jikkostitwixxu l-ebda prova tad-danni sofferti mill-attur, u li lanqas ma jistgħu jitqiesu li huma l-aħjar prova li seta' jġib l-attur in sostenn tal-pretensjoni tiegħu. Il-Qorti stenniet prova ferm aħjar minn sempliċiment *print-out* mill-Internet tal-ispeċifikazzjonijiet ta' *generator* ta' marka partikolari, flimkien mal-manwal tal-utent rilevanti għall-istess tip ta' prodott, bħalma kienet tkun pereżempju rċevuta attwali tax-xiri tal-istess *generator,* l-isem tal-ħanut jew

[9] *A fol.* 153 u 155.

tal-post minn fejn inxtara, kopja taċ-ċekk jew tat-tranżazzjoni bil-bank jekk stess dan inxtara minn barra l-pajjiż. Minn dan kollu l-attur ma ressaq l-ebda prova u minflok ressaq biss id-dokumenti *a fol.* 153 u 155 tal-proċess in sostenn tal-pretensjoni tiegħu li sofra danni materjali meta kellu jinvesti *f'generator* sabiex ikun jista' jopera l-kiosk fil-festi.

Fl-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2017, sar il-kontroeżami ta' **Reuben Bonnici,** in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta ARMS Limited, li kkonferma li l-kont bin-numru 101000221072, bl-indirizz 204, Triq id-Duluri, Pietà, jgħajjat lil Joseph Brincat, u li biex dawn il-*meters* jiġu ttrasferiti f'isem xi ħadd ieħor fi kliemu stess li kellu jsir kien li,

> "Jew japplika biex jaqla' l-*meters* l-*account holder* jew inkella hemm formola tat-trasferiment biex ikun jista' jinqaleb fuq persuna oħra u din il-formola fuq dan l-account qatt ma waslet għandna."

Ix-xhud ikkonferma li fil-fatt il-proċedura imposta mill-fornitur tas-servizz sabiex ikun hemm trasferiment ta' *meter*, baqgħet ma ġietx segwita, u konsegwenza ta' dan, il-*meter* inkwistjoni għadu rreġistrat f'isem Joseph Brincat sal-lum. Ix-xhud madanakollu, u b'differenza mill-impressjoni li pprova jagħti l-attur fix-xhieda tiegħu, ikkonferma li kien hemm numru ta' *meters* temporanji li nħarġu f'isem l-attur, u li sa fejn seta' jivverifika hu, qatt ma kien hemm xi applikazzjoni għal *meters* temporanji da parti tal-attur li ġiet miċħuda min-naħa ta' ARMS Limited.

Il-konvenuta **Veronica Brincat**[10] reġgħet ittellgħet tixhed fl-udjenza tas-26 ta' Ġunju, 2017, u għal darb'oħra kkonfermat li l-post bin-numru 204, Triq id-Duluri, Pieta', kien ħanut li hi ħadet f'idejha wara li l-partijiet isseparaw. Il-konvenuta qalet li hi kienet ħallset għoxrin elf Lira Maltin (LM20,000) lill-attur, u li fiż-żmien meta sar it-trasferiment tal-proprjetà fuqha, ma kienx hemm pendenzi ta' kontijiet fuq dan il-post. Il-konvenuta xehdet li meta ppruvat tiftaħ il-bieb tal-ħanut, għall-bidu ma rnexxilhiex minħabba li l-attur kien taha ċavetta ħażina, u li meta rnexxielha tiftaħ indunat li l-attur kien għamel ħsara kbira fil-post. Hi qalet li d-dawl u l-ilma tal-post kienu nqatgħu mill-Enemalta, u li hi reġgħet ingħatat is-servizz ftit tal-ġranet wara.

Ix-xhud ikkonfermat li l-kont bin-numru 101000221072 qatt ma kien fuq isimha u li meta hi talbet lill-attur sabiex imur magħha fl-uffiċċju tal-ARMS sabiex il-*meters* iduru fuq isimha, l-attur qatt ma ried imur magħha. Naturalment din il-verżjoni mogħtija mill-konvenuta tikkontrasta bil-kbir u hi dijametrikament opposta għal dak li xehed l-attur f'dan ir-rigward.

Skont il-konvenuta, l-attur ried 'jimpika' magħha, u kien għalhekk li ma riedx jakkomodaha billi jassigura li l-*meters* tad-dawl u l-ilma jiġu rreġistrati f'isimha wara li l-fond inkwistjoni kien għadda għandha. Mistoqsija in kontroeżami, ix-xhud ikkonfermat li fiż-żmien li fih il-partijiet isseparaw, fuq il-kont inkwistjoni ma kienx hemm arretrati jew pendenzi, anzi pjuttost kien hemm flus imħallsa żejda li kienu qegħdin jidhru bħala kreditu fuq il-kont tal-partijiet.

---

[10] *A fol.* 167 *et seq.*

Il-kontroeżami tal-attur, **Joseph Brincat**[11], sar fl-udjenza tal-10 ta' Novembru, 2017 u dan ikkonferma li kull meta ried li jkollu *meter* irreġistrat f'ismu, hu mar l-uffiċċji ta' ARMS Limited, u mela formola. Madanakollu hu qal ukoll li mar fl-uffiċċji ta' ARMS Limited diversi drabi, u dwar il-kwistjoni tat-trasferiment tal-*meters* tal-fond jew ossia l-ħanut inkwistjoni, qatt ma rnexxielu joħroġ sodisfatt, u dan minħabba li kull darba kien jiġi mgħarraf li sabiex isir it-trasferiment, kellha tmur il-mara miegħu biex tkun tista' tiffirma hi wkoll. L-attur xehed li l-mara tiegħu ma kinitx qiegħda tkun veritiera meta qalet li kienet hi li kienet titlob lilu biex imur magħha fl-uffiċċji tal-ARMS biex iddawwar il-*meters* f'isimha, u qal li hu fl-interess tiegħu li jassigura li l-*meters* iduru fuq il-pussessur tal-fond u ma jibqgħux fuqu. Konsegwenza ta' dan l-istat ta' fatt hi li l-attur ma jistax jaħdem kif jixtieq, minħabba fid-diversi problemi li jinqalgħu kull darba li jmur biex japplika għal *meter* temporanju fuq il-kiosk li hu jiġġestixxi.

Kien hawnhekk li x-xhud allega li hu mhux dejjem ingħata servizz ta' *meter* temporanju biex ikun jista' jarma l-gabbana fil-festi, u li kien għalhekk li hu ħass il-bżonn li jixtri *generator* biex ikun jista' jaħdem. Mistoqsi in kontroeżami, ix-xhud ċaħad li hi prassi normali, fost l-operaturi tal-kiosks fil-festi, li dawn jinvestu f'*generator* sabiex ikollhom is-serħan il-moħħ li dejjem ikollhom provvista tad-dawl biex jaħdmu, u baqa' jsostni li l-unika raġuni għalfejn hu xtara *generator* kienet sabiex ma jibqax ikollu diffikultajiet meta jmur fl-uffiċċji ta' ARMS Limited biex japplika għal *meter* temporanju, u dawn jgħidulu li ma jistax minħabba fl-arretrati dovuti fuq il-fond f'Tal-Pietà.

---

[11] *A fol.* 178 *et seq* u *a fol.* 196 *et seq.*

Il-kontroeżami ta' Joseph Brincat kompla fl-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2018, u dan min-naħa tiegħu kkonferma li d-dokumenti esebiti a fol. 153 u 155 tal-proċess, mhumiex irċevuti iżda manwali tal-utent tal-*generator* li hu kien xtara. Mistoqsi hu x'għamel biex il-*meter* ma jibqax irreġistrat fuq ismu, ix-xhud wieġeb li hu kemm-il darba ftiehem mal-mara tiegħu sabiex imorru l-uffiċċji tas-soċjetà konvenuta flimkien, u din tibqa' ma tmurx. Hu kkonferma li min-naħa ta' ARMS Limited, dejjem kienu jgħidulu li jekk ma tmurx il-mara miegħu, il-*meters* ma jistgħux jiġu ttrasferiti kif mitlub. Kien hawnhekk li l-attur ġie mistoqsi x'kienet ir-raġuni għalfejn hu m'applikax għat-trasferiment tal-*meter* tad-dawl u l-ilma fiż-żmien meta kien hemm kreditu fuq il-kont, lura f'Novembru 2006, meta allura tali trasferiment seta' jsir mingħajr il-ħtieġa tal-firma tal-mara jew ta' xi terz ieħor. Għal din il-mistoqsija, l-attur wieġeb li l-konvenuta Veronica Brincat, kienet iddeċidiet li żżomm il-ħanut wara li l-partijiet isseparaw. Għall-mistoqsija, "jiġifieri int qatt m'għamilt talba biex il-*meters* jinqalgħu, f'dak il-perijodu li kien hemm kreditu?', l-attur wieġeb, "anke mort l-ARMS u għidtilhom biex jaqilgħuh u jaqtgħu l-*meter* u mhux veru xejn li nqala' seba' snin ilu l-*meter*. Id-dawl qatgħuh xi sena u nofs ilu." Il-mistoqsija tad-difensur tas-soċjetà konvenuta ġiet iċċarata wkoll mill-Qorti, "il-mistoqsija tirreferi għall-perijodu fejn ma kienx hemm kont x'jitħallas imma kien hemm kreditu favur tiegħek jew favur tagħhom. Issa l-mistoqsija hija għalfejn meta ma kienx hemm kontijiet x'jitħallsu ma tlabtx li jinqala' l-*meter*?" Ix-xhud wieġeb biss, "Għax imbagħad riedet iżżomm il-ħanut."

Id-difensur tas-soċjetà konvenuta rreferiet lill-attur għall-*fol.* 90 *et seq* tal-proċess, fejn hemm diversi applikazzjonijiet għal *meters* temporanji da parti tal-attur (għalkemm l-applikazzjonijiet xi drabi saru f'isem terzi) li lkoll ġew milqugħa. Madanakollu l-attur baqa' jinsisti li kien hemm drabi fejn ingħata s-

servizz ta' *meter* temporanju, u kien hemm drabi fejn ma ngħatax. L-attur wieġeb ukoll li hu qatt m'għamel kuntatt mat-terz li akkwista l-ħanut inkwistjoni mingħand Veronica Brincat, u li l-komunikazzjoni tiegħu dejjem kienet tkun mal-mara tiegħu. Hu qal ukoll li min-naħa tiegħu qatt m'għamel riċerka sabiex jistabbilixxi l-ħanut inkwistjoni f'idejn min qiegħed illum.

Fl-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2018 reġa' xehed **Reuben Bonnici**[12] in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta ARMS Limited, li min-naħa tiegħu għamel riferiment għall-ittra ppreżentata minnu u li tinsab *a fol.* 83 tal-proċess, bid-data tal-20 ta' Novembru, 2006, fejn ARMS Limited kienet infurmat lill-attur li fuq il-kont ta' 204, Triq id-Duluri, Pietà, kien hemm kreditu ta' ħamsa u sebgħin Lira Maltin u ħamsa u sittin ċenteżmu (LM75.65), u li għal din l-ittra ARMS Limited qatt ma kienet irċeviet xi risposta jew direzzjoni biex tara li l-*meters* jew jinqalgħu jew jiġu rreġistrati f'isem xi ħaddieħor. Ix-xhud ikkonferma li f'dak l-istadju, Joseph Brincat kulma kellu jagħmel kien,

> "Li seta' jagħmel japplika biex jinqalgħu dawk il-*meters*. Aħna biex naqilgħu l-*meters* jew isir trasferiment tal-*meters* il-bilanċ dejjem irid ikun zero. Jiġifieri l-kont kien fuq ismu u kull ma kellu jimla l-applikazzjoni għar-*removal* tal-ilma u r-*removal* tad-dawl u jinqalgħu l-*meters*."

Mitlub jikkonferma, ix-xhud wieġeb li sabiex jinqalgħu l-*meters* f'dak l-istadju, fejn ma kien hemm l-ebda pendenza fuq il-kont, ma kien hemm bżonn il-firma ta' ħadd aktar, ħlief dik tal-attur bħala l-*account holder.* Madanakollu, dak li ġara konsegwenza tal-fatt li l-*meters* ma nqalgħux, hu li l-kontijiet bdew jakkumulaw, u dan kien ifisser li sabiex ARMS Limited taċċetta li jsir it-

[12] *A fol.* 204 *et seq.*

trasferiment tal-*meters* fuq persuna oħra, il-formula tat-trasferiment kellha timtela miż-żewġ persuni, mill-attur bħala l-persuna li f'ismu kienu rreġistrati l-*meters*, u mit-terz li fuqu jew fuqha kienu ser jiġu ttrasferiti l-*meters* bħala l-persuna li tkun qiegħda taċċetta li tħallas il-pendenzi u l-kontijiet li jkun hemm. Ix-xhud ikkonferma li Joseph Brincat qatt ma mela xi formola sabiex il-*meter* irreġistrat fuq il-fond f'Tal-Pietà jinqaleb fuq terza persuna.

Ix-xhud Rueben Bonnici, bħala rappreżentant ta' ARMS Limited, ikkonferma li jekk talba għat-trasferiment tal-*meters* issir b'mod unilaterali minn persuna waħda li tippreżenta kopji tal-kuntratti jew dokumenti oħra li jindikaw li l-fond ikun ġie ttrasferit, it-talba għat-trasferiment tal-*meters* ma tiġix milqugħa minn ARMS Limited. Għall-mistoqsija tad-difensur tal-attur, 'naqblu li jekk ma tkunx mimlija minn kulħadd il-formola, intom ma żżommuhiex u ma tipproċessawhiex?', ir-rappreżentant tal-ARMS Ltd qal li l-kumpannija żżomm kopja ta' tali applikazzjonijiet, anki jekk din tkun iffirmata minn persuna waħda. Ix-xhud kompla,

> "Inżommu dejjem kopja. Ħa nispjega l-proċeduri ta' dak iż-żmien tal-2006. Jekk persuna ġie b'formola mhux iffirmata fuq min ħa jinqaleb jew mill-antik, konna nżommu l-oriġinali għandna, nibagħtu kopja lil min ma ffirmax, biex ngħidulu li waslet lilna din il-formola biex tiffirma u jkun jista' jsir it-trasferiment u nispjegawlu jekk hemmx dejn jew le.
>
> Sal-2012 dik il-proċedura konna nadottawha. Jiġifieri kienet tinkiteb ittra lil min ma ffirmax fuq il-formola jew ikun hemm xi ħaġa nieqsa jew min ħiereġ jew dieħel, l-oriġinali dejjem inżommuha għandna konna dak iż-żmien u nibagħtu *photocopy* tal-*application*. Once li ffirma jew ġiet lura għax forsi bi żvista ma jkunx iffirma l-persuna, nattaċċjaw il-kopja li tkun ġiet lura mal-applikazzjoni oriġinali, naċċettawha bħala firma ta' min ikun iffirma u jiġi pproċessat it-trasferiment."

Mitlub jikkonferma, ix-xhud ikkonferma li lilu ma rriżultalux li l-attur qatt mar b'xi formola fl-uffiċċji ta' ARMS Limited u din ma ġietx aċċettata. Mistoqsi mid-difensur tas-soċjetà konvenuta, ix-xhud ikkonferma li waħda mir-raġunijiet għaliex dejjem hemm il-ħtieġa li jkun hemm il-firma tal-persuna li ser tassumi d-dejn jew il-kont inkwistjoni hi minħabba li m'hemm l-ebda garanzija li l-fond huwa trasferit jew għadu trasferit skont il-kuntratt li jkun ġie ppreżentat. Ix-xhud ikkonferma li dejjem irid ikun hemm il-firma taż-żewġ partijiet, ta' dak li ser jittrasferixxi, u ta' min qiegħed jaċċetta li l-*meters* iduru fuq ismu.

**<u>Konsiderazzjonijiet Legali</u>**

Il-Qorti tibda billi tinnota li waqt is-smigħ tal-provi ħarġu diverġenzi bejn it-teżi tal-attur u n-narrativa tiegħu dwar il-mod kif ġraw il-fatti, u dak li qalet il-konvenuta, bil-partijiet jattribwixxu responsabbilità lil xulxin għall-fatt li l-formuli appożiti għat-trasferiment tal-*meters* baqgħu ma mtlewx kif suppost, bl-attur jgħid li hu kemm-il darba talab lill-konvenuta Veronica Brincat tmur miegħu fl-uffiċċji ta' ARMS Limited sabiex jimlew il-formuli neċessarji, u bil-konvenuta min-naħa tagħha tallega li kien l-attur li kien jirrifjuta li jmur fl-uffiċċji ta' ARMS Limited magħha. Kien ta' min kien it-tort, il-fatt jibqa' li l-formuli meħtieġa sabiex ikun jista' jsir it-trasferiment, baqgħu ma mtlewx, u l-*meters* inkwistjoni baqgħu jagħjtu lill-attur anki meta dan ilu snin mhux fil-pussess tal-fond u mingħajr aċċess għalih.

Din il-Qorti tosserva li meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja. Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet. Mhux l-ewwel darba li l-Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin; anzi, meta każ ikun ikkontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, bħalma hu l-każ inkwistjoni, x'aktarx li huwa proprju dak li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti. Dwar dan ingħad hekk f'sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilak**[13]:

> "Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet."

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Perit John M. Gambina *vs.* Fithome Ltd**[14] irriteniet illi:

> "Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilità, konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet li huma suffiċjenti f'kawża ċivili."

[13] P.A., 30.10.2003.
[14] Q.A., 06.05.2011.

Illi f'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et *vs.* William Rizzo et**[15], il-Qorti stabbiliet hekk:

"In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li *onus probanti incumbit ei qui diciit non ei qui negat* (App. Inf. **Anthony Camilleri *vs.* Maurice Cauchi et** – 22 ta' Novembru 2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra però mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola *"in dubio pro reo"*. Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad *"tot homines tot sentetiae"*, u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide"* fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarrqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perijodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

Din il-Qorti tagħmel riferiment wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi** fejn ingħad illi:

"In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

[15] P.A., 28.04.2004.

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio)*, sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara Vol. XLVI, P.i, p.5.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara Vol. XXXVII, P.i, p.577;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal noe *vs.* Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV. P.i, p.104."[16]

Fl-aħħar nett jingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Lawrence u Anthony Fino pro et noe *vs.* Joseph u Charles Fino**:

"Kif tajjeb għalhekk ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re: **Enrico Camilleri *vs.* Martin Borg**, mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'deċiżjonijiet simili in re: **E Zammit *vs.* Petrococchino**, Qorti tal-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Paul Vassallo *vs.* C. Pace**, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986),"Il-

[16] App. Inf. 12.04.2007.

> ġudikant fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet."[17]

Applikati dawn il-prinċipji għall-fatti ppreżentati fil-kawża odjerna, din il-Qorti tosserva li s-sustanza tax-xhieda mogħtija mis-soċjetà konvenuta u mill-konvenuta fil-kawża jqarrbu ħafna lejn xulxin. Hekk per eżempju l-uffiċjal ta' ARMS Limited, Reuben Bonnici xehed li fiż-żmien meta l-partijiet isseparaw (fl-2006) u l-fond ġie ttrasferit f'isem il-konvenuta, ma kien hemm l-ebda pendenzi ta' ħlasijiet dovuti fuq il-fond inkwistjoni, ħaġa din li kienet ikkonfermata mill-konvenuta wkoll, li qalet li meta l-fond ġie f'idejha, ma kienx hemm pendenzi ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma dovuti fuq il-fond. Minn dak li semgħet il-Qorti jidher ċar li għalkemm l-attur kien iżur l-uffiċċji tas-soċjetà konvenuta b'mod regolari, possibilment anki biex jirregolarizza s-sitwazzjoni tiegħu fir-rigward tal-kiosk li jiġġestixxi, madanakollu l-attur qatt ma ħa ħsieb li jimxi mal-proċedura maħsuba mis-soċjetà konvenuta sabiex ikun jista' jsir it-trasferiment tal-*meters*. Minn dak li xehed Reuben Bonnici f'isem ARMS Limited, jirriżulta li s-soċjetà konvenuta m'għandha l-ebda rekord ta' applikazzjoni (anki jekk b'xi firma nieqsa) għat-trasferiment tal-*meter* inkwistjoni. L-ittri legali mibgħuta għan-nom tal-attur u li ġew esebiti fil-proċess, jirriżulta li nkitbu madwar erba' jew ħames snin wara li sar it-trasferiment tal-fond, u anki dawn, ma kinux akkumpanjati mid-dettalji neċessarji biex ARMS Limited segħet tintraċċa l-persuna li qiegħda tokkupa l-fond inkwistjoni sabiex isiru l-verifiki neċessarji magħha, dejjem skont kif spjega r-rappreżentant ta' ARMS Limited li xehed f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti

[17] Q.A., 24.09.2004.

tinsab konvinta li minkejja li l-attur ingħata l-informazzjoni neċessarja dwar x'għandu jsir biex ikun jista' jitkompla l-proċess tat-trasferiment tal-*meters* inkwistjoni, anki jekk il-parti l-oħra għal xi raġuni jew oħra ma tkunx trid tiffirma jew taċċetta li l-*meter* jiġi rreġistrat f'isimha, madanakollu xorta jirriżulta li l-attur m'għamilx dak kollu li kellu u li seta' jagħmel biex il-*meter* inkwistjoni jiġi ttrasferit minn fuq ismu għal fuq isem it-terz li akkwista l-proprjetà. Minn dak li xehed l-attur, jirriżulta li lanqas riċerki biex jistabbilixxi min hu s-sid il-ġdid tal-fond m'għamel, u lanqas ma pprova b'xi mod jistabbilixxi xi tip ta' komunikazzjoni jew kuntatt miegħu. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis li ma jistax issa jiġi l-attur quddiemha u jippretendi li tkun din il-Qorti li tagħti direzzjoni lil entità mwaqqfa bl-intiża li tagħti servizz pubbliku, meta jirriżulta li l-attur m'għamilx dak kollu li kellu jagħmel biex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu, partikolarment meta kien fl-interess waħdieni tiegħu li ma jibqax ikkunsidrat bħala debitur ta' ARMS Limited bil-ħruġ ta' tant kontijiet f'ismu fis-snin li għaddew meta hu m'għadx għandu pussess jew kontroll tal-proprjetà fejn jinsabu l-*meters* inkwistjoni, u agħar minn hekk, meta skont ma xehed hu stess in-nuqqas ta' regolarizzazzjoni da parti tiegħu wasslitu biex jgħaddi minn ħafna proċessi burokratiċi u telf ta' ħin kull darba li kellu japplika għall-*meter* temporanju li għandu bżonn biex jiġġestixxi n-negozju tiegħu.

Il-Qorti ma tara xejn oppressiv jew ċensurabbli fil-proċedura li tadopera s-soċjetà konvenuta ARMS Limited sabiex taċċetta t-trasferiment ta' *meter* minn fuq persuna għal fuq oħra. Ix-xhud Reuben Bonnici spjega sew x'inhi r-raġuni li għaliha tintalab il-firma kemm tal-persuna li għandha l-*meter* fuq isimha, kif ukoll tal-persuna li l-*meter* ser jiġi rreġistrat f'isimha, u spjega wkoll x'inhi l-proċedura li għandha tiġi adoperata meta xi wieħed mill-partijiet ma jaderixxix

mar-rekwiżiti proċedurali stabbiliti minn ARMS Limited. Tali proċeduri la huma nieqsa mir-raġonevolezza u lanqas ma jistgħu jitqiesu li mhumiex xierqa jew adegwati fil-kumplessità taċ-ċirkostanzi li kumpannija bħalma hi l-ARMS tiġi rinffaċċjata bihom minn żmien għal żmien, u għalhekk il-Qorti ma tħossx li għandha tagħti direzzjoni lis-soċjetà konvenuta sabiex b'xi mod din tibdel il-*modus operandi* tagħha billi tirreġistra lil xi ħadd li mhuwiex parti minn dawn il-proċeduri bħala s-sid il-ġdid tal-*meter* mertu ta' din il-kawża. Hemm proċeduri apposta maħsuba mill-fornitur tas-servizz għal dan il-għan, u l-attur għandu jassigura li jirrikorri għalihom qabel jagħmel talbiet bħal dawn lill-Qorti.

Il-Qorti tosserva wkoll li kif argumentat tajjeb il-konvenuta Veronica Brincat, din qatt ma kellha l-*meters* tad-dawl u l-ilma rreġistrati f'isimha, u għalkemm hu fl-interess ta' kull min jakkwista fond li jassigura li l-*meters* tad-dawl u l-ilma jkunu rreġistrati f'ismu, anki għaliex hu obbligu ta' kull sid ta' proprjetà li jassigura li qiegħed iħallas dak li hu dovut minnu għal kull servizz li qiegħed jirċievi, minn dak li xehdet il-konvenuta, il-perijodu ta' żmien li fih hi kienet esklussivament is-sid tal-proprjetà inkwistjoni, kien wieħed qasir ħafna, stante li l-fond inkwistjoni ġie ttrasferit lil terzi wara biss ftit ġimgħat, u għalhekk hi la kellha l-interess u lanqas ma kien fadlilha xi obbligu li tassigura li l-*meters* tad-dawl u l-ilma jkunu rreġistrati f'isimha jew f'isem it-terz li akkwista l-proprjetà, għaliex hi wkoll ma kinitx fil-kontroll jew fil-pussess tal-proprjetà inkwistjoni għal dawn is-snin kollha, ħlief għal ftit ġimgħat immedjatament wara s-separazzjoni bejn il-partijiet, meta l-fond ġie ttrasferit lilha.

Jifdal issa l-kwistjoni tad-danni reklamati mill-attur, konsistenti fi spejjeż materjali li hu allega li għamel sabiex xtara l-*generator* biex ikun jista' jaħdem

mill-kiosk tiegħu, u dan minħabba fl-allegazzjoni l-oħra li hu għamel li kien hemm drabi fejn hu ma ngħatax permess biex ikollu *meter* temporanju fil-kiosk tiegħu. Il-Qorti kkunsidrat il-provi prodotti, u qieset li ma nġiebet assolutament l-ebda prova li l-attur xtara *generator,* u għajr għall-preżentata ta' manwal tal-utent u ta' lista ta' speċifikazzjonijiet aktarx stampata minn *website* barrani, ma nġiebet l-ebda prova li l-attur akkwista l-*generator* inkwistjoni. Il-Qorti diġà rrimarkat li l-preżentata tal-imsemmija dokumenti ma tfisser xejn u li l-attur kellu jġib prova aħjar fir-rigward, speċjalment meta fil-kontroeżami li sarlu nġibditlu l-attenzjoni li l-provi esebiti minnu ma kinux irċevuti jew xi prova tal-akkwist minnu tal-*generator* inkwistjoni. Il-Qorti stenniet provi ferm aħjar u ferm aktar konvinċenti, jekk l-attur verament ried jikkonvinċiha li sofra danni materjali meta kellu jixtri *generator* biex ikun jista' jiġġestixxi n-negozju tiegħu b'mod aħjar. L-attur allega li dan il-*generator* kellu jiġi akkwistat minħabba li kien hemm okkażjonijiet fejn hu ma ngħatax permess għal *meter* temporanju sabiex ikun jista' jopera l-kiosk tiegħu li hi sors ewlieni ta' għajxien għalih. Madanakollu din l-allegazzjoni ġiet imxejna għalkollox meta l-attur stess ikkonferma li b'xi mod jew ieħor, hu dejjem irnexxielu jaħdem, anki jekk ħtieġlu japplika għall-permess f'isem terzi. Dan ġie kkonfermat ukoll mir-rappreżentant ta' ARMS Limited li kkonferma, u ppreżenta dokumentazzjoni, li turi li l-*meter* temporanju lill-attur ingħatalu dejjem, kull meta applika. Il-Qorti tifhem li l-attur seta' tilef ħafna ħin kull darba li kellu jmur fl-uffiċċji tal-ARMS biex jirregolarizza xi aspett jew ieħor tas-sitwazzjoni tiegħu, u li t-telf ta' ħin mhu tajjeb għal ħadd. Però mhix konvinta, li l-attur sofra xi telf materjali jew li kien hemm xi danni minħabba f'dan kollu, *multo magis* meta prova ta' danni attwali sofferti ma nġabitx, u l-attur ikkonferma hu stess li b'mod jew ieħor, huwa dejjem ħadem. Il-Qorti ma

tistax ma tirrimarkax ukoll dwar il-fatt li l-attur seta' evita din is-saga kollha billi immedjatament wara li l-proprjetà ġiet ittrasferita lill-mara tiegħu, li kieku huwa mar fl-uffiċċji ta' ARMS Limited, dakinhar Enemalta, u talab li jsir it-trasferiment mingħajr il-ħtieġa tal-firma jew tal-attendenza ta' ħadd aktar, stante li f'dak il-mument ma kien hemm l-ebda kontijiet pendenti fuq il-*meters* irreġistrati fuq il-fond inkwistjoni, u l-firma jew it-talba tiegħu biss kienet suffiċjenti biex isir it-trasferiment rikjest.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta ARMS Limited;**

2. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta Veronica Brincat;**

3. **Tiċħad it-talbiet kollha tal-attur.**

**Spejjeż tal-kawża a karigu tal-attur.**

Moqrija.